Illum wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru [illegible] elfejn u ghoxrin (2020).

Quddiemi Nutar Dottor Enzo Refalo qed jidhru personalment wara li identifikaw ruhhom skond il-ligi:

Jamie Vella, impjegat, bin Joseph u Nazzarena nee Debrincat, imwieled Melbourne, Australia fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) u residenti Ghajnsielem, Ghawdex: Karta tal-Identita' numru 227097M

u

Michael John Vella, self-employed, bin Joseph Vella u Nazzarena nee Debrincat, imwieled Melbourne, Australia fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) u residenti Ghajnsielem, Ghawdex: Karta tal-Identita' numru 227197M

Il-komparenti jiddikjaraw u jippremettu:

Illi iz-ziju taghhom, Emanuel Vella, gia pensjonant, bin il-mejtin Francesco Vella u Michelina nee Camilleri, imwieled Ghajnsielem, Ghawdex fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar elf disa' mija u sitta u tletin (1936) u kien resdienti Ghajnsielem, Ghawdex: Karta tal-Identita' numru 11936G, miet f'Ghajnsielem, Ghawdex fit-tmienja (8) ta' Mejju elfejn u ghoxrin (2020);

illi huma gew ghal dan l-att a termini tal-Artikolu 33 (tlieta u tletin) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti tal-elf disa' mija tlieta u disghin (1993) li bis-sahha tieghu jiddikjaraw dan li gej:

(a) illi l-imsemmi Emanuel Vella, irregola il-wirt u successjoni tieghu b'testment maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Vella Magro fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju elfejn u sbatax (2017) fejn halla legat ta' flus lill-terzi, u salv dan innomina bhala eredi universali tal-beni tieghu kollha in generali lill-komparenti Jamie u Michael ahwa Vella, fi kwoti ugwali u indivizi bejniethom.

(b) illi il-beni immobbli li kellu l-istess Emanuel Vella, huma is-segwenti:

- Id-dar bla numru, jisimha 'Dar Vella' fi Triq Kemmuna, Ghajnsielem, Ghawdex, u konfinanti tramuntana mal-istess triq, punent ma Triq Malta u lvant ma beni ta' Karmnu Vella, liema fond kien ir-residenza ta' decuius, u kif murija fuq il-pjanta annessa u mmarkata dokument "A" – stmata mija u tmenin elf Euro (€180,000);

- Il-garage internament u mhux ufficjalment immarkat bin-numru [illegible] u tletin (34) fil-blokka bla numru u jismu Misraħ il-Flegu, fi Triq Malta, Ghajnsielem, Ghawdex, kif muri fuq il-pjanti annessi u mmarkati dokumenti "B" u "C" – stmat ghaxar t'elef Euro (€10,000);
- Il-porzjon art imsejjha ta' Mattjolu, f'Ghajnsielem, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mitejn u tlieta u ghoxrin metru kwadru (223 m.k.) u konfinanti nofsinhar ma passagg komuni minn fejn l-istess art ghandha l-access taghha u lvant u punent ma porzjonijiet ohra mill-istess art, propjeta tal-familja Vella, kif wkoll kull sehem u dritt li d-decuius kellu mill-istess passagg komuni, kif murija mmarkata bl-ittra B fuq il-pjanta annessa bhala dokument "D" – stmata ghoxrin elf Euro (€20,000);
- Parti minn sitta (1/6) indiviza mill-porzjon art imsejjha ta' Mattjolu, f'Ghajnsielem, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mitejn u tlieta u ghoxrin metru kwadru (223 m.k.) u konfinanti nofsinhar ma passagg komuni minn fejn l-istess art ghandha l-access taghha u lvant u punent ma porzjonijiet ohra mill-istess art propjeta tal-familja Vella, kif murija mmarkata bl-ittra A fuq il-pjanta annessa bhala dokument "D" – stmata l-istess kwota tlett elef u erba' mitt Euro (€3,400);

Il-komparenti jiddikjaraw illi l-valuri minnhom attribriwiti huma gusti u reali u mhuma jaghmlu dina id-dikjarazzjoni quddiem in-Nutar hawn taht iffirmat iccerzjorajthom b'mod specjali mill-importanza tal-veracita' ta' din id-dikjarazzjoni taghhom.

Taxxa ad valorem dovuta fuq dan l-att tammonta ghal erbat elef u erba' mija u sittin Euro (€4,460) minghand kull wiehed mill-werrieta.

Maghmul, moqri u ippublikat wara d-debita cerzjorazzjoni fir-Rabat, Ghawdex, Triq ir-Repubblika, numru mija u disgha (109).

[Fti.] Jamie Vella
Michael Vella
Dr. Enzo Refalo
Notar Pubbliku, Malta

Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre